Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 148/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Malcolm Ellul Sullivan**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Malcolm Ellul Sullivan talli;

a) f'dawn il-Gzejjer fis-6 ta' Frar 1999 u f'dawn l-ahhar sitt xhur qabel din id-data, ipproduca biegh jew xorta ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;
b) Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;
c) Ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fis-6 ta' Frar 1999 u f'dawn l-ahhar sitt xhur qabel din id-data, kellu fil-pussess

tieghu d-droga eroina u cocaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima ta’ l-ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juri li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

d) Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu il-pjanta cannabis kollha jew parti minnha;

e) Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta (Ecstasy, LSD u Amphetamine) meta ma’ kienx awtorizzat kif imiss;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Lulju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Mallcolm Ellul Sullivan hati ta' l-ewwel, tat-tieni, tar-raba' u tal-hames imputazzjonijiet filwaqt li dwar it-tielet imputazzjoni sabitu hati biss ta' pussess semplici ta' eroina u kokaina u kkundannatu ghall-piena ta’ sitt (6) xhur prigunerija u multa ta’ mitejn (Lm200) liri Maltin;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' Malcolm Ellul Sullivan ipprezentat fis-16 ta’ Lulju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (A) joghgobha tirriforma is-sentenza appellata billi ;

1) tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu hati tat-tieni, ir-raba’ u l-hames imputazzjonijiet;

2) tikkonfermaha fejn sabitu ghal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni, mhux hati tal-pussess aggravat, izda hati biss tal-pussess semplici tal-eroina u kokaina;
3) thassaraha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni, dik ta' traffikar tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis, u kwindi tiddikjarah mhux hati taghha u minnha tilliberah skond il-ligi;
4) konsegwentement thassarha fil-parti tal-piena fejn huwa gie kkundannat ghal sitt xhur prigunerija u mitejn lira multa u minflok timponi piena jew sanzjoni li tkun tirrifletti dawn it-talbiet ta' dan l-appell;
(B) F'kaz li dan l-appell ma' jintlaqax, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar gusta u ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;
Ikkunsidrat:

L-aggravji principali ta' l-appellant bazikament jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi rigwardanti l-ewwel imputazzjoni, u bhalma gie kostantement ritenut, huwa principju stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v.**

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or**

---

**Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak**, 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Mario Zammit**, 24 ta' Novembru 2004; **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Din il-Qorti fil-fatt ghamlet ezami approfondit tal-provi kollha migbura mill-ewwel Qorti biex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni u, wara li qrat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda diversi drabi, tistqarr li ghandha dak il-*lurking doubt* deskritt tant tajjeb fil-kaz ta' *Cooper* fuq citat.

Il-prosekuzzjoni bbazat il-provi taghha dwar l-ewwel imputazzjoni fuq ix-xiehda ta' Liliana Mercieca u fuq l-istqarrija ta' l-appellant. Huwa veru li Mercieca sostniet li gabet bicca raza tal-cannabis minghand l-appellant izda aktar ma din il-Qorti qrat it-traskrizzjonijiet tax-xiehda taghha, aktar kienet konvinta dwar il-mod evaziv li ppruvat twiegeb ghall-mistoqsijiet li kienu qeghdin isirulha, u dan

apparti certi inkonsistenzi. Meta giet interrogata mill-Pulizija, qalet li kienet iddubbat ir-raza li sabulha l-Pulizija minghand habib taghha. Imbaghad tghid li kienet qed titkellem ma' din il-persuna u talbitha jehodha ghand xi hadd li jkollu l-cannabis u dan hadha ghand l-appellant fejn hi talbitu xi raza u fil-fatt hu taha bicca. Min kien dan il-habib ma ssemmix. Meta kienet qed tixhed, semmiet li l-habib taghha huwa certu Matthew Mallia fuq insistenza tal-Qorti. Qalet li r-raza tahielha l-istess Mallia u li nghatatlu mill-appellant fil-prezenza taghha u wara li talabhielu Mallia. Aktar tard in kontro-ezami tghid li ma tafx x'diskors intqal bejn Mallia u l-appellant u li ma tatx kaz jekk kienx Mallia li qabad u ha r-raza jew jekk tahilux l-appellant. Anke in ri-ezami, wara li regghet giet mistoqsija min kien taha r-raza u wiegbet li minghand Mallia u li dan gabha minghand l-appellant, imbaghad qalet, bi twegiba ghal domandi ohra li ma tiftakarx ratx lill-appellant jghaddi r-raza lil Mallia u li "Tahieli Matthew imma issa ma nafx minn fejn giet". Punt iehor li fil-fehma ta' din il-Qorti tnaqqas mill-kredibilita` ta' Liliana Mercieca hu li ghalkemm tghid li hi u Matthew Mallia kienu hbieb kbar, hija ma qaltlux li kienet giet arrestata mill-Pulizija dwar is-sejba ta' dak li kien suspettat raza tal-cannabis.

Apparti dan, din il-Qorti ma tistax ma tosservax li, ghalkemm Liliana Mercieca semmiet lil Matthew Mallia b'ismu waqt li kienet qed tixhed, din il-persuna ma gietx prodotta mill-prosekuzzjoni sabiex tixhed. Inoltre, ghalkemm giet elevata mill-handbag ta' Liliana Mercieca dik li kienet suspettata bicca raza tal-cannabis, din ma gietx esebita f'dawn il-proceduri. Liliana Mercieca stess xehdet li, ghalkemm akkwistat dak l-oggett bhala bicca raza tal-cannabis, hi ma setghetx tghid x'kienet ghax ma lehqitx uzat minnha.

Kwantu ghall-istqarrija ta' l-appellant, saret referenza ghal dik il-parti fejn, ghal mistoqsija jekk gieli talbuhx jew qassamx xi droga milli kellu d-dar, l-appellant wiegeb: "Mhux in particular. Forsi naghti xi nifs ta' joint lil xi hadd fit-triq. Imma ma nbieghx. Qatt ma tajt jew bighhejt xi droga". Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li dak li huwa komunement maghruf bhala *sharing* huwa att ta' traffikar.

L-appellant meta xehed cahad li qal li kien "jaghti" xi nifs izda li kien "jiehu" xi nifs. Naturalment fil-kuntest tal-mistoqsija li ghamel l-ufficjal investigattiv, aktar jaghmel sens ir-risposta kif tinsab dattilografata fl-istqarrija. Pero` l-appellant qieghed jigi akkuzat li huwa ttraffika fir-raza tal-cannabis "fis-6 ta' Frar 1999 u f'dawn l-ahhar sitt xhur qabel din id-data". Il-mistoqsija u aktar u aktar it-twegiba relattiva huma wisq generici biex jistghu jwasslu lill-Qorti tghid *beyond reasonable doubt* li jekk l-appellant gieli ta xi nifs lil xi hadd dan ghamlu proprju fil-perijodu msemmi.

F'dawn ic-cirkostanzi l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolemnt tasal ghall-konkluzjoni ta' reita` dwar l-ewwel imputazzjoni. Konsegwentement l-appell huwa fondat.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata u ghalhekk (1) tikkonfermaha fejn sabitu hati tat-tieni, tar-raba' u tal-hames imputazzjonijiet, (2) tikkonfermaha wkoll fejn sabitu, ghal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni, mhux hati tal-pussess aggravat, izda hati biss tal-pussess semplici ta' eroina u kokaina, (3) tirrevokaha fejn sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni, tiddikjarah mhux hati ta' dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah, (4) tirrevokaha wkoll fejn ikkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal perijodu ta' sitt xhur u ghall-hlas ta' multa ta' mitejn liri Maltin (Lm200) pagabbli b'rati mensili ta' ghoxrin lira (Lm20) il-wahda u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' erba' mitt liri Maltin (Lm400) pagabbli b'rati mensili ta' erbghin lira (Lm40) il-wahda u f'nuqqas ta' hlas ta' xi pagament, il-bilanc ikun dovut f'daqqa u jekk xi parti tibqa' ma tithallasx din tinbidel f'gurnata prigunerija ghal kull hames liri (Lm5) mhux imhallsa. Tikkonfermaha wkoll in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' sittin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm60.50) spejjez peritali u dan fi zmien xahar millum, b'dan li fin-nuqqas ta' hlas fit-terminu moghti, jinbidlu f'gurnata prigunerija ghal kull hames liri (Lm5) mhux imhallsa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------